MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Numru. 1280/2007

**Il- Pulizja**
**(Spettur Angelo Gafa`)**

**Vs**

**Aaron Agius**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Aaron Agius ta' 20 sena, iben Anthony u Irene Gatt, imwieled il- Pieta` u residenti f' 112, Flat 8, Triq San Guzepp, Valletta u detentur tal- karta ta' l- identita` bin- numru 28987(M);

Akkuzat talli f' dawn il- Gzejjer, f' xi perjodu bejn Jannar 2006 u Marzu, 2006, b' mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l- ezistenza ta' intraprizi foloz,

jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ghad- dannu ta’ l- Awtorita` dwar it- Trasport ta’ Malta (ADT);

Kif ukoll talli b’ hekk ikkommetta reat waqt il- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza imposta fuqu mill- Qorti tal- Magistrati b’ sentenza taghha ta’ nhar it- 18 ta’ Lulju, 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il- Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill- akkuzat ghall- hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal- hatra ta’ esperti jew periti fil- proceduri hekk kif ikkontemplat fl- Artikolu 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li f’l-udjenza mizmuma llum 28 ta’ April 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat diversi fatturi.

Illi l-imputat ikkopera mal-pulizija u ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu mhux biss f’l-

aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri imma anke meta rrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll l-fatt li r-reati odjerni gew kommessi fis-sena 2006 meta l-imputat kien ghad kellu dsatax il-sena. Mill-fedina penali jirrizulta li l-unika kundanna li nghatat fil-konfront ta’l-imputat kienet dik permezz tas-sentenza mghotija fit-18 ta’ Lulju 2005 meta gie kkundannat ghal prigunerija ghal perjodu ta’ disa’ xhur sospiezi ghal tlett snin. Fil-fatt jidher li l-imputat qed jaghraf jirriforma ruhu.

Illi tenut kont ta’ dan il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tghati lill-imputat l-ahhar opportunita biex ikompli jirriforma ruhu minghajr ma jiskonta piena karcerarja. Min-naha l-ohra l-Qorti trid b’xi mod tassigura li l-imputat ikollu deterrent li jkompli jzommu fit-triq tar-riabilitazzjoni.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’mod li ghall-ewwel imputazzjoni l-imputat jigi kkundannat ghall-hlas ta’ multa minflok jiskonta piena karcerarja. Konformament u inkwantu ghat-tieni imputazzjoni il-Qorti sejra testendi l-perjodu operattiv impost fis-sentenza tat-18 ta’ Lulju 2005 ghal perjodu iehor ta’ tlett snin mill-llum.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghal multa ta’ sitt mitt Euro (Euro 600).

In oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed testendi l-perjodu operattiv indikat fis-sentenza tat-18 ta’ Lulju 2005 ghal perjodu iehor ta’ tlett snin mill-llum.

In konkluzzjoni l-Qorti qed tordna li l-licenzja esebieta mill-prosekuzzjoni tigi konfiskata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------